

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tas-16 ta' April 2015 – Il-Parlament Ewropew vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**

(Kawżi magħquda C-317/13 u C-679/13) <sup>(1)</sup>

**(Rikors għal annullament — Kooperazzjoni mill-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali — Issuġġettar ta' sustanza psikoattiva ġdida għal miżuri ta' kontroll — Determinazzjoni tal-bażi legali — Qafas legali applikabbli wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona — Dispożizzjonijiet tranżitorji — Bażi legali sekondarja — Konsultazzjoni tal-Parlament)**

(2015/C 198/03)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: F. Drexler, A. Caiola u M. Pencheva, aġenti)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: K. Pleśniak u A. F. Jensen, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-konvenut: Ir-Repubblika tal-Awstrija (rappreżentant: C. Pesendorfer, aġent)

**Dispożittiv**

- 1) *Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/129/UE, tas-7 ta' Marzu 2013, li tissottoponi lill-4-metilamfetamina għal miżuri ta' kontroll, u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/496/UE, tas-7 ta' Ottubru 2013, dwar l-issuġġettar ta' 5-(2-aminnopropil) indol għal miżuri ta' kontroll, huma annullati.*
- 2) *L-effetti tad-Deċiżjoni 2013/129 u tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/496 huma miżmuma sakemm jidħlu fis-seħħ atti ġodda intiżi li jissostitwixxuhom.*
- 3) *Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea huwa kkundannat għall-ispejjeż.*
- 4) *Ir-Repubblika tal-Awstrija għandha tbat i-ispejjeż tagħha.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 226, 03.08.2013.  
ĠU C 52, 22.02.2014.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tas-16 ta' April 2015 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Kúria – l-Ungerija) – proċedura ppreżentata minn Nemzeti Fogyasztóvédelmi Hatóság**

(Kawża C-388/13) <sup>(1)</sup>

**(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Direttiva 2005/29/KE — Prattiċi kummerċjali żleali — Informazzjoni żbaljata li tingħata minn impriża tat-telekomunikazzjonijiet lil abbonat li tikkawżalu spejjeż addizzjonali — Klassifikazzjoni ta' "prattika kummerċjali qarrieqa")**

(2015/C 198/04)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

**Qorti tar-rinviju**

Kúria

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Nemzeti Fogyasztóvédelmi Hatóság

Fil-preżenza ta': László Imre Szabó